IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.10.2020
COM(2020) 962 final

2020/0298 (BUD)

ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU NRU 10
TAL-BAĠIT ĠENERALI 2020

Żieda fl-approprjazzjonijiet ta' pagament f'konformità mal-previżjonijiet aġġornati tan-nefqa u aġġistamenti oħra tan-nefqa u d-dħul

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, kif adottat fis-27 ta' Novembru 2019[2],

– il-baġit emendatorju Nru 1/2020[3], adottat fis-17 ta' April 2020,

– il-baġit emendatorju Nru 2/2020[4], adottat fis-17 ta' April 2020,

– il-baġit emendatorju Nru 3/2020[5], adottat fis-17 ta' Ġunju 2020,

– il-baġit emendatorju Nru 4/2020[6], adottat fis-17 ta' Ġunju 2020,

– il-baġit emendatorju Nru 5/2020[7], adottat fl-10 ta' Lulju 2020,

– il-baġit emendatorju Nru 6/2020[8], adottat fis-17 ta' Settembru 2020,

– il-baġit emendatorju Nru 7/2020[9], adottat fil-5 ta' Ottubru 2020,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 9/2020[10], adottat fid-9 ta' Ottubru 2020,

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 10/2020 tal-baġit tal-2020.

TIBDIL FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

It-tibdil fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul u fit-Taqsima III huma disponibbli fil-EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm).

1 ĠU L 193, 30.7.2018.
2 ĠU L 57, 27.2.2020.
3 ĠU L 126, 21.4.2020.
4 ĠU L 126, 21.4.2020.
5 ĠU L 254, 04.8.2020.
6 ĠU L 254, 04.8.2020.
7 ĠU L 299, 11.9.2020.
8 ĠU L XXX, XX.X.2020 (propost bħala l-Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 8/2020 fit-28.8.2020).
9 ĠU L XXX, XX.X.2020
10 COM(2020) 961, 9.10.2020.

WERREJ

1. INTRODUZZJONI 3

2. ĦTIĠIJIET ADDIZZJONALI F'APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT 3

2.1. IL-PROGRAMM GĦALL-KOMPETITTIVITÀ TAL-INTRAPRIŻI U L-INTRAPRIŻI Ż-ŻGĦAR U TA' DAQS MEDJU (COSME) 4

2.2. FAĊILITÀ NIKKOLLEGAW L-EWROPA (ĦNE) — KONTRIBUZZJONI TAL-FK 4

2.3. IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR) 6

2.4. IR-RISPONS GLOBALI TAL-UE GĦALL-COVID-19 6

2.4.1 L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) 6

2.4.2 Strument Ewropew ta' Viċinat (SEV) 7

2.4.3 Strument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) 7

3. AĠĠUSTAMENTI OĦRA FIN-NEFQA 8

3.1. IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG) 8

3.2. Aġenziji deċentralizzati 10

3.2.1 L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) 10

3.2.2 L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) 10

4. AĠĠUSTAMENTI TAD-DĦUL 11

4.1 Differenzi fir-rati tal-kambju tar-riżorsi proprji 11

4.2 Multi u pagamenti ta' penali 12

5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP 13

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. INTRODUZZJONI

L-għan tal-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 10 għas-sena 2020 huwa maqsum fi tlieta:

- li jżid il-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament f'konformità mal-previżjoni aġġornata u wara li jkunu ġew ikkunsidrati r-riallokazzjonijiet proposti fit-"Trasferiment globali" (Diċembru 16/2020 ippreżentat lill-Parlament u lill-Kunsill kmieni f'Ottubru);
- li jaġġusta n-naħa tad-dħul biex tinkorpora l-impatt tad-differenzi fir-rati tal-kambju u l-multi addizzjonali miġbura; kif ukoll
- li jibbaġitja ulterjorment l-aġġustamenti tan-nefqa aktar limitati. Dawn jikkonċernaw il-livell ta' approprjazzjonijiet tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u xi aġenziji deċentralizzati (ESMA, EIOPA, EBA u ELA).

Iż-żieda globali fl-approprjazzjonijiet ta' pagament (EUR 1 569,3 miljun) mitluba tikkonċerna l-intestaturi 1a *"Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi",* 1b*"Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali"* , 2 *"Tkabbir Sostenibbli – Riżorsi Naturali"* u 4 *"Ewropa Globali"*.

Iż-żieda fl-approprjazzjonijiet ta' impenn fl-intestatura 2 hija kemxejn riekwilibrata mill-iffrankar tal-aġenziji tal-intestatura 1a li jirriżulta f'żieda globali fl-impenji ta' EUR 36,4 miljun.

L-impatt globali fuq in-naħa tad-dħul huwa tnaqqis ta' dħul ieħor b'EUR 588 miljun riekwilibrat b'żieda korrispondenti fil-kontribuzzjonijiet tal-ING.

2. ĦTIĠIJIET ADDIZZJONALI F'APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT

It-"Trasferiment globali" huwa eżerċizzju annwali organizzat fil-livell korporattiv fil-Kummissjoni li għalih id-Direttorati Ġenerali u s-Servizzi kollha huma mitluba janalizzaw sa kmieni f'Settembru l-implimentazzjoni rispettiva tagħhom tal-pagamenti tal-baġit attwali sal-aħħar tas-sena kkonċernata. Dan l-eżerċizzju għandu l-għan li jiggarantixxi l-implimentazzjoni massima tal-baġit f'approprjazzjonijiet ta' pagament fi tmiem is-sena billi jqabbel il-ħtiġijiet addizzjonali mas-sottoimplimentazzjoni mistennija. Bħala riżultat, talba *ad hoc* għal trasferiment (skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju) tiġi ppreżentata kull sena lill-Parlament u lill-Kunsill fil-bidu ta' Ottubru.

L-ABE Nru 8 għas-sena 2020, imressaq mill-Kummissjoni fl-aħħar ta' Awwissu, ġie diżakkoppjat mill-"Eżerċizzju ta' trasferiment globali" u kien jinkludi biss talbiet li għalihom intalbet azzjoni urġenti mill-Unjoni. Għalhekk l-ABE Nru 8, li ppropona talba sinifikanti għal approprjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali (jiġifieri EUR 6 190 miljun), iffoka esklussivament fuq żewġ elementi speċifiċi: jingħataw approprjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali (i) lill-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza (ESI) għall-finanzjament tal-istrateġija dwar il-vaċċin kontra l-COVID-19 u (ii) għall-koeżjoni wara l-adozzjoni tal-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus (CRII +)11.

---

11 Ir-Regolament (UE) 2020/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013 u (UE) Nru 1303/2013 rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċezzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa ta' COVID-19, ĠU L 130, 24.4.2020, p. 1.

Minbarra t-talbiet inklużi fl-ABE Nru 8, l-eżerċizzju ta' "Trasferiment globali" tal-2020 irriżulta fi ħtiġijiet ta' pagament gross addizzjonali ta' EUR 2 125,2 miljun, ikkumpensati parzjalment biss minn sottoimplimentazzjoni ta' pagament mistenni ta' EUR 595,4 miljun. Il-pagamenti addizzjonali mitluba f'dan l-ABE Nru 10 għandhom l-għan li jagħlqu d-distakk ta' EUR 1 529,8 miljun kif spjegat fid-dettall fit-Taqsimiet 2.1 sa 2.4.

2.1. Il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME)

B'riżultat tal-kriżi tal-COVID-19, ħafna Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs) madwar l-Unjoni esperjenzaw nuqqas f'daqqa ta' likwidità. Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni[12] tat-13 ta' Marzu 2020 dwar ir-rispons ekonomiku kkoordinat għall-kriżi tal-COVID-19, il-Kummissjoni ddeċidiet li tassenja mill-ġdid EUR 1 biljun mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) għal faċilitajiet ta' garanzija eżistenti. Bħala parti minn din l-inizjattiva, il-Faċilità ta' Garanzija ta' Self fil-COSME ġiet imsaħħa b'EUR 714 miljun biex tinċentiva lill-banek jipprovdu finanzjament ta' likwidità lill-kumpaniji bil-għan li jgħinu mill-inqas 100 000 negozju Ewropew jaċċessaw madwar EUR 8 biljun ta' finanzjament.

Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni, il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), ippubblika sejħa riveduta għal espressjoni ta' interess lill-intermedjarji finanzjarji biex japplikaw għall-miżura speċifika tal-COVID, li ngħalqet b'suċċess fl-aħħar ta' Mejju ta' din is-sena. Dan it-tisħiħ jirriżulta fi ħtieġa akbar għal approprjazzjonijiet ta' pagament peress li kull ħtieġa ta' flus mill-FEI trid titħallas l-ewwel permezz tal-Faċilità ta' Garanzija ta' Self COSME (l-ewwel parti tat-telf) qabel ma jsiru talbiet ta' flus fil-kuntest tal-FEIS (it-tieni parti tat-telf).

Ir-riallokazzjonijiet interni koprew parzjalment dawn il-ħtiġijiet mhux previsti iżda huma meħtieġa approprjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali ta' EUR 93,8 miljun biex il-Kummissjoni Ewropea tkun tista' tonora l-obbligi kuntrattwali tagħha rigward il-FEI.

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
02 02 02	Titjib tal-aċċess għall-finanzjament għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fil-forma ta' ekwità u dejn	-	93 800 000
Total		**0**	**93 800 000**

2.2. Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) — Kontribuzzjoni tal-FK

L-implimentazzjoni tal-komponent ta' koeżjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għat-Trasport (FNE-FK) miexja b'pass aktar mgħaġġel milli mistenni u l-ħtiġijiet ta' pagament għall-bqija tas-sena jaqbżu d-disponibbiltajiet attwali.

Il-benefiċjarji għandhom l-obbligu li jressqu talba għal pagament *interim* kull sentejn u għandhom il-possibbiltà li jressqu talba għal pagament *interim* "volontarja" kull sena. Fl-2020, diversi benefiċjarji kbar użaw din il-flessibbiltà u ppreżentaw aktar talbiet għal pagamenti *interim* mill-mudell medju osservat fis-snin preċedenti. Dan il-pass mgħaġġel tal-implimentazzjoni inizjalment ma kienx previst fil-baġit tal-2020 u jikkostitwixxi r-raġuni ewlenija għaż-żieda fil-ħtiġijiet ta' pagament.

[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-Grupp tal-Euro "Rispons ekonomiku kkoordinat għat-tifqigħa tal-COVID-19" COM(2020) 112 final, 13.3.2020.

Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond azzjoni b'azzjoni tal-ħtiġijiet ta' pagamenti u tad-disponibbiltajiet attwali tal-baġit, filwaqt li qieset ir-riallokazzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament disponibbli fil-kapitolu Trasport tal-FNE b'rabta mat-Trasport, u tqis li hemm bżonn ta' rinforz ta' EUR 100 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament sabiex jiġu rispettati l-iskadenzi tal-pagamenti u jiġu onorati l-obbligi legali kollha.

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
06 02 01 04	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) — allokazzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni	-	100 000 000
Total		**0**	**100 000 000**

2.3. Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

Il-kriżi tal-COVID-19 ma battietx l-implimentazzjoni finanzjarja tal-programmi ffinanzjati mill-FAEŻR.

Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond tal-previżjonijiet ippreżentati mill-Istati Membri sal-aħħar ta' Awwissu 2020 u hija tal-fehma li hemm bżonn ta' rinforz ta' EUR 750 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament sabiex jiġu koperti l-applikazzjonijiet ta' pagament kollha li għandhom jitħallsu fl-2020. Dawn il-previżjonijiet jinkludu wkoll l-impatt stmat tal-pagament ta' somma f'daqqa propost mill-Kummissjoni biex jingħata sostenn lill-bdiewa jew lin-negozji agrikoli żgħar u ta' daqs medju milquta mill-COVID-19 (abbażi tas-sehem massimu maqbul finalment ta' 2 % tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, meta mqabbel mal-1 % propost inizjalment mill-Kummissjoni). Xi Stati Membri fil-fatt diġà bdew jintroduċu din il-miżura ġdida tal-FAEŻR fil-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom u oħrajn huma mistennija li jsegwu.

Dan diġà ssarraf fl-2020 f'talbiet addizzjonali għal rimborż.

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
05 04 60 01	Promozzjoni ta' żvilupp rurali sostenibbli, settur agrikolu tal-Unjoni aktar bilanċjat territorjalment u ambjentalment, aktar favorevoli għall-klima u innovattiv	-	750 000 000
Total		**0**	**750 000 000**

2.4. Ir-rispons globali tal-UE għall-COVID-19

Wara l-pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni konġunta dwar ir-Rispons globali tal-UE għall-COVID-19[13], fejn l-Unjoni esprimiet solidarjetà u impenn biex tgħin lill-pajjiżi sħab jittrattaw il-konsegwenzi sanitarji, ekonomiċi u soċjali tal-kriżi bħala parti mill-isforzi tat-Tim Ewropa, il-Kummissjoni pprogrammat mill-ġdid l-operazzjonijiet tagħha fil-qafas tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) u l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI). B'riżultat ta' dan, hemm bżonn ta' rinforz fl-approprjazzjonijiet ta' pagament ta' dawn it-tliet strumenti b'total ta' EUR 586 miljun kif ġej:

[13] Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Komunikazzjoni dwar ir-Rispons globali tal-UE għall-COVID-19" (JOIN(2020)11, 8.4.2020.

2.4.1 L-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II)

Għall-IPA II, il-pagamenti ta' sostenn baġitarju ġew aġġustati u avvanzati, il-prefinanzjament u l-appoġġ fil-ġestjoni indiretta żdiedu sabiex titħaffef l-implimentazzjoni.

Abbażi tal-previżjonijiet riveduti għall-pagamenti li għandhom isiru sa tmiem l-2020, u lil hinn mir-riallokazzjonijiet identifikati, hemm bżonn ta' approprjazzjonijiet addizzjonali għal total ta' EUR 210 miljun biex ikopru pagamenti għal kuntratti għall-Montenegro, l-Albanija, il-Kosovo[14], is-Serbja , il-Maċedonja ta' Fuq u t-Turkija kif ukoll pagamenti ta' sostenn baġitarju għas-Serbja, l-Albanija u l-Maċedonja ta' Fuq.

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagamenti
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
22 02 01 01	Il-Balkani tal-Punent - Sostenn għar-riformi politiċi u l-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	-	40 000 000
22 02 01 02	Il-Balkani tal-Punent - Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u l-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	-	70 000 000
22 02 03 01	It-Turkija - Sostenn għar-riformi politiċi u l-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	-	10 000 000
22 02 03 02	It-Turkija - Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u l-allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	-	90 000 000
Total		**0**	**210 000 000**

2.4.2 Strument Ewropew ta' Viċinat (SEV)

Fil-każ tas-SEV, il-Kummissjoni mmodifikat u żiedet il-baġit tal-programmi li jinsabu għaddejjin sabiex tħaffef l-implimentazzjoni tagħhom u l-pagamenti relatati magħhom.

Minbarra r-riallokazzjonijiet diġà identifikati bħala riżultat tal-previżjonijiet riveduti, hemm bżonn ta' approprjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali għal total ta' EUR 286 miljun biex ikopru l-iżborżi aċċellerati ta' diversi programmi ta'sostenn baġitarju għall-Marokk, it-Tuneżija, il-Ġordan, l-Alġerija, il-Georgia u l-Armenja kif ukoll biex jiżdied il-pakketti ta' diversi programmi nazzjonali u reġjonali oħra għall-benefiċċju tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (pereżempju għar-reżiljenza u l-istabbiltà fl-Ukrajna tal-Lvant u fl-Armenja).

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
22 04 01 02	Il-pajjiżi Mediterranji -- Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli	-	221 000 000
22 04 02 02	Sħubija tal-Lvant -- Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli	-	65 000 000
Total		**0**	**286 000 000**

[14] Din id-dežinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-i*status*, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

2.4.3 Strument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI)

Għad-DCI, il-Kummissjoni żiedet il-pass tal-iżborżi relatati ma' operazzjonijiet ta' sostenn baġitarju f'diversi pajjiżi u xi fondi ġew riallokati għal proġetti ġodda speċifikament biex jirrispondu għall-kriżi tal-COVID-19, pereżempju fl-Afganistan. Il-kuntratti relatati qed jiġu ffirmati u se jwasslu għal pagamenti ta' prefinanzjament diġà fl-2020.

Il-ħtiġijiet l-aktar urġenti diġà ġew koperti permezz ta' riallokazzjonijiet, iżda parzjalment biss. Għalhekk hemm bżonn ta' approprjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali għal total ta' EUR 90 miljun biex ikopru l-iżborżi aċċellerati għan-Nepal, il-Myanmar, il-Kambodja, it-Taġikistan, l-Użbekistan u l-Afganistan.

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
21 02 02	Kooperazzjoni mal-Asja	-	50 000 000
21 02 03	Kooperazzjoni mal-Asja Ċentrali	-	15 000 000
21 02 05	Kooperazzjoni mal-Afganistan	-	25 000 000
Total		**0**	**90 000 000**

3. AĠĠUSTAMENTI OĦRA FIN-NEFQA

3.1. Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)

Fil-kuntest ta' miżuri eċċezzjonali biex tiġi kkonfrontata l-kriżi tal-COVID-19, qabel is-sajf il-Kummissjoni adottat żewġ pakketti ta' miżuri relatati mas-swieq agrikoli. L-ewwel pakkett kellu l-għan li jipprovdi avvanzi u jiżgura l-funzjonament tajjeb tad-diversi skemi ta' pagament dirett kif ukoll li jagħti flessibbiltà lill-kontrolli. It-tieni pakkett kien iffukat fuq sett ta' dispożizzjonijiet relatati ma' miżuri ta' appoġġ għas-suq b'mod partikolari fis-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-inbid.

Permezz ta' dawn il-miżuri, il-Kummissjoni ħolqot il-kundizzjonijiet biex l-approprjazzjonijiet tal-FAEG fil-Baġit tal-2020 jintużaw kollha. Kemm il-livell attwali ta' implimentazzjoni kif ukoll il-previżjonijiet reċenti tal-Istati Membri jsostnu din is-suppożizzjoni.

L-eżekuzzjoni baġitarja tal-2020 tal-FAEG hija diġà avvanzata ħafna, b'mod partikolari għall-pagamenti diretti li juru implimentazzjoni saħansitra aħjar mis-snin preċedenti. Fl-aħħar nett tas-sena finanzjarja, in-nefqa relatata mas-suq se tkun ġeneralment ikkonċentrata fuq inċertezzi konsiderevoli li għadhom hemm dwar il-livell attwali tal-infiq b'mod partikolari għall-programmi tal-inbid, l-appoġġ lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħaxix u l-iskemi għall-iskejjel.

Abbażi tal-informazzjoni disponibbli bħalissa, id-dħul assenjat tal-FAEG mistenni li jkun EUR 176 miljun inqas mill-ammont ibbaġitjat. Din id-differenza jispjegawha (a) is-saldu tal-konsegwenzi finanzjarji tal-kawża tal-Qorti tal-Ġustizzja C-252/18P favur il-Greċja, (b) id-dħul assenjat aktar baxx bħala riżultat ta' deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni ta' konformità u approvazzjoni tal-kontijiet u (c) l-ittardjar ta' xi rkupri sal-2021.

B'riżultat ta' dan, hemm ir-riskju ta' defiċit żgħir meta mqabbel mal-approprjazzjonijiet attwalment disponibbli fil-baġit tal-FAEG għall-2020, li jista' jiġi kopert bil-mobilizzazzjoni tal-marġni li jifdal disponibbli fl-ambitu tal-Intestatura 2.

Abbażi tal-informazzjoni disponibbli bħalissa, u filwaqt li jitqiesu l-previżjonijiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ il-Fondi operazzjonali għal-linja baġitarja tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fl-ambitu tal-FAEG kif deskritt hawn taħt:

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
05 02 08 03	Fondi operazzjonali għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi	48 655 078	48 655 078
Total		**48 655 078**	**48 655 078**

3.2. Aġenziji deċentralizzati

3.2.1 L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE)

It-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) kollha identifikaw iffrankar bħala riżultat tal-impatt attwali tal-COVID-19 fuq il-ħidma tagħhom kif ukoll tnaqqis fil-ħtieġa għal kontribuzzjonijiet tal-UE marbuta mal-implimentazzjoni tas-segwenti:

- il-qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli għal kull waħda mit-tliet ASE;
- il-leġiżlazzjoni dwar il-forniturи Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u dwar Titoli Koperti minn Bonds Sovrani (Sovereign Bond-Backed Securities, SBBS) għall-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (European Securities and Markets Authority, ESMA); u

Barra minn hekk, ġie identifikat bżonn ta' avvanz aktar baxx għall-ġbir ta' tariffi mill-ESMA li jirriżultaw mill-Att Delegat għas-superviżjoni tal-Kontropartijiet Ċentrali ta' pajjiżi terzi[15].

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
12 02 04	Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)	-1 416 000	-1 416 000
12 02 05	Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)	-314 636	-314 636
12 02 06	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)	-7 383 576	-7 383 576
Total		**-9 114 212**	**-9 114 212**

3.2.2 L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)

Il-kriżi tal-COVID-19 kellha impatt fuq il-ħidma tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, billi naqqset l-għadd ta' laqgħat u spezzjonijiet konġunti fil-post u battiet ir-ritmu tar-reklutaġġ tal-persunal.

EUR

[15] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1302 tal-14 ta' Lulju 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tariffi imposti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq lil kontropartijiet ċentrali stabbiliti f'pajjiżi terzi (ĠU L 305, 21.9.2020).

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
Taqsima III – Il-Kummissjoni			
04 03 15	L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA)	-3 105 725	-
Total		**-3 105 725**	**0**

4. AĠĠUSTAMENTI TAD-DĦUL

4.1 Differenzi fir-rati tal-kambju tar-riżorsi proprji

Il-baġit tal-UE huwa stabbilit f'EURO filwaqt li l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri huma determinati fil-munita nazzjonali. Il-kontribuzzjonijiet annwali tal-Istati Membri jitħallsu fi 12-il pagament parzjali kull xahar ("dodiċeżmi"). Kull pagament parzjali magħmul f'munita li mhijiex l-euro jiġi rreġistrat fil-kontijiet billi jintużaw ir-rati tal-kambju mensili tax-xahar li fih isir il-pagament.

Għall-Istati Membri li mhumiex fiż-Żona tal-Euro l-baġit jiġi kkonvertit fil-munita nazzjonali billi tintuża r-rata tal-kambju tal-aħħar jum ta' kwotazzjoni tas-sena kalendarja li tippreċedi s-sena baġitarja[16]. Għaldaqstant, għall-2020, tintuża r-rata tal-kambju tal-31 ta' Diċembru 2019 biex il-baġit tal-UE jiġi kkonvertit mill-euro f'muniti mhux euro.

Għalhekk kull differenza fir-rati tal-kambju użati għall-kalkolu tad-"dodiċeżmu" ta' kull xahar fil-munita nazzjonali u r-rati ta' kontabilità applikabbli fix-xahar tal-pagament tad-"dodiċeżmu" jirriżultaw inevitabbilment f'differenzi bejn l-ammonti tar-riżorsi proprji f'euro previsti fil-baġit u l-ammont li fil-fatt jissarraf.

Il-varjazzjonijiet mensili fir-rati tal-kambju jistgħu jikkumpensaw għal xulxin matul sena baġitarja. Madankollu, fl-2020, l-iżvilupp tar-rata tal-kambju huwa ġeneralment negattiv. Minn Jannar sa Ġunju, ġie rreġistrat total negattiv ta' EUR 400,6 miljun ta' differenzi fir-rati tal-kambju għar-riżorsi proprji u ddaħħal fil-Baġit Emendatorju Nru 7.

Il-Memorandum ta' spjegazzjoni tal-Baġit Emendatorju Nru 7 enfasizza l-possibbiltà ta' aktar żviluppi negattivi fir-rata tal-kambju u bħala riżultat emendi baġitarji addizzjonali li jiġu proposti lill-Awtorità Baġitarja f'abbozz ta' baġit emendatorju tal-ħarifa.

Minn dak iż-żmien (Lulju – Settembru) l-evoluzzjoni tar-rata tal-kambju, xprunata b'mod partikolari mid-deprezzament tal-lira Ingliża rriżultat f'defiċit addizzjonali ta' EUR 180 miljun. F'Settembru, il-lira Ingliża reġgħet iddeprezzat drastikament. Jekk tibqa' ġeneralment fl-istess livell bħal fl-1 ta' Ottubru, ikun hemm defiċit ulterjuri tar-rata tal-kambju fir-riżorsi proprji ta' EUR 536 miljun matul l-aħħar tliet xhur tas-sena.

Sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' defiċit baġitarju sa tmiem l-2020 qed jiġi propost ammont negattiv ta' EUR 716 miljun biex jiddaħħal fil-baġit (minbarra l-ammont negattiv diġà bbaġitjat ta' EUR 400,6 miljun fil-Baġit Emendatorju Nru 7) biex jikkumpensa għad-differenzi fir-rati tal-kambju sal-aħħar tas-sena.

[16] Ara l-Artikolu 10a(1) tar-Regolament dwar it-Tqegħid għad-Dispożizzjoni 609/2014.

EUR

Linja tad-dħul	Isem	Ammont
3 9 0	Aġġustament relatat mad-differenzi fir-rati tal-kambju għar-riżorsi proprji	-716 000 000
Total		**-716 000 000**

4.2 Multi u pagamenti ta' penali

Filwaqt li jitqiesu l-ammonti li kienu nġabru sal-aħħar ta' Settembru, qed jiġi propost li l-previżjonijiet introdotti fil-baġit tal-2020 (EUR 218-il miljun[17]) jiżdiedu b'EUR 128 miljun. Għaldaqstant dan se jnaqqas il-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE.

Id-dettal skont il-linja jidher fit-tabella hawn taħt.

EUR

Linja tad-dħul	Isem	Ammont
7 1 0	Multi, pagamenti ta' penali perjodiċi u penali oħrajn b'rabta mal-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni	71 000 000
7 1 1	Pagamenti ta' penali u pagamenti f'somma waħda imposti fuq Stat Membru minħabba nuqqas ta' osservanza ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minħabba li ma ssodisfax obbligu skont it-Trattat	57 000 000
Total		**128 000 000**

[17] EUR 100 miljun fil-baġit ivvutat inizjalment li miegħu żdiedu EUR 118-il miljun fil-Baġit Emendatorju Nru 7/2020.

5. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

F'EUR

Intestatura	Bağit 2020 (inkl. BE 1-7 u ABE 9/2020)		Abbozz ta' Bağit Emendatorju Nru 10/2020		Bağit 2020 (inkl. BE 1-7 u ABE 9-10/2020)	
	CA	AP	CA	AP	CA	AP
1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv	**83 930 597 837**	**77 453 828 442**	**- 12 219 937**	**184 685 788**	**83 918 377 900**	**77 638 514 230**
Limitu	*83 661 000 000*				*83 661 000 000*	
Marġini						
1a Kompetittività ghat-tkabbir u l-impjiegi	25 284 773 982	22 308 071 592	- 12 219 937	84 685 788	25 272 554 045	22 392 757 380
Li minnhom skont il-marġni globali għall-impenji	*93 773 982*		*- 12 219 937*		*81 554 045*	
Limitu	*25 191 000 000*				*25 191 000 000*	
Marġini						
1b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	58 645 823 855	55 145 756 850		100 000 000	58 645 823 855	55 245 756 850
Li minnhom skont il-marġni globali għall-impenji	*175 823 855*				*175 823 855*	
Limitu	*58 470 000 000*				*58 470 000 000*	
Marġini						
2. Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali	**59 907 021 051**	**57 904 492 439**	**48 655 078**	**798 655 078**	**59 955 676 129**	**58 703 147 517**
Limitu	*60 421 000 000*				*60 421 000 000*	
Li minnhom ikkumpensati mill-Marġni ta' kontinġenza	*- 465 323 871*				*- 465 323 871*	
Marġini	*48 655 078*					
Li minnhom: Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Nefqa u pagamenti diretti marbuta mas-suq	43 410 105 687	43 380 031 798	48 655 078	48 655 078	43 458 760 765	43 428 686 876
Sottolimitu	*43 888 000 000*				*43 888 000 000*	
Differenza dovuta għall-arrotondament esklużа mill-kalkolu tal-marġni	*888 000*				*888 000*	
Li minnhom ikkumpensati mill-Marġni ta' kontinġenza	*- 428 351 235*				*- 428 351 235*	
Marġni tal-FAEG	*48 655 078*					
3. Sigurtà u ċittadinanza	**7 152 374 489**	**6 368 527 141**			**7 152 374 489**	**6 368 527 141**
Li minnhom skont l-Istrument ta' Flessibbiltà	*1 094 414 188*				*1 094 414 188*	
Li minnhom skont l-marġni globali għall-impenji	*2 392 402 163*				*2 392 402 163*	
Li minnhom skont il-Marġini ta' kontinġenza	*714 558 138*				*714 558 138*	
Limitu	*2 951 000 000*				*2 951 000 000*	
Marġini						
4. Ewropa Globali	**10 991 572 239**	**9 112 061 191**		**586 000 000**	**10 991 572 239**	**9 698 061 191**
Li minnhom skont il-Marġini ta' kontinġenza	*481 572 239*				*481 572 239*	
Limitu	*10 510 000 000*				*10 510 000 000*	
Marġini						
5. Amministrazzjoni	**10 271 193 494**	**10 274 196 704**			**10 271 193 494**	**10 274 196 704**
Limitu	*11 254 000 000*				*11 254 000 000*	
Li minnhom ikkumpensati mill-Marġni ta' kontinġenza	*- 982 806 506*				*- 982 806 506*	
Marġini						
Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	7 955 303 132	7 958 306 342			7 955 303 132	7 958 306 342
Sottolimitu	*9 071 000 000*				*9 071 000 000*	
Li minnhom ikkumpensati mill-Marġni ta' kontinġenza	*- 982 806 506*				*- 982 806 506*	
Marġini	*132 890 362*				*132 890 362*	
Total	**172 252 759 110**	**161 113 105 917**	**36 435 141**	**1 569 340 866**	**172 289 194 251**	**162 682 446 783**
Li minnhom skont l-Istrument ta' Flessibbiltà	***1 094 414 188***	***1 017 029 444***			***1 094 414 188***	***1 017 029 444***
Li minnhom skont il-marġni globali għall-impenji	***2 662 000 000***		***- 12 219 937***		***2 649 780 063***	
Li minnhom skont il-Marġini ta' kontinġenza	***1 196 130 377***				***1 196 130 377***	
Limitu	***168 797 000 000***	***172 420 000 000***			***168 797 000 000***	***172 420 000 000***
Li minnhom ikkumpensati mill-Marġni ta' kontinġenza	***-1 448 130 377***				***-1 448 130 377***	
Marġini	***48 655 078***	***12 323 923 527***				***10 754 582 661***
Strumenti speċjali oħra	**1 594 857 964**	**1 425 594 964**			**1 594 857 964**	**1 425 594 964**
Total b'kollox	**173 847 617 074**	**162 538 700 881**	**36 435 141**	**1 569 340 866**	**173 884 052 215**	**164 108 041 747**